MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1142/2005

**Middle Sea Insurance plc (C5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-asskurat taghha Alice Horne u l-istess Horne**

**Vs**

**Falzon Albert u b'digriet tat-12 ta' Dicembru, 2005 gie mizjud il-kunjom Santucci wara l-kunjom Falzon**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm 375.01 (tlett mija hamsa u sebghin Lira Maltin u centezmu) dovuti ghal kkawzati wara kollizzjoni.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-14 ta’ Jannar 2006 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fis-6 ta’ Frar 2006 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------